UFFIĊĊJU PARROKKJALI
4, TRIQ SAN ĠORĠ
WIED IL-GĦAJN, MSK 1030.
TEL: 21633703

PARROĊĊA SANT'ANNA, MARSASKALA

**Laqgħa għall-Operaturi Pastorali**

# IL-KNISJA, FAMILJA TA' MIN NGĦIXU IT-TALB

6 ta' Lulju 2018

Għeżież,

Flimkien wasalna biex intemmu l-ħames laqgħat ta' formazzjoni dwar it-Talb li bħala Parroċċa matul din is-sena investejna fil-komunità tagħna. Aħna lkoll għandna s-sejħa li nidħlu quddiem Alla tagħna fit-talb. B'hekk nagħrfu dejjem aktar dak li Alla jrid minna u qed jafdalna bih permezz tal-Kelma u s-Sagramenti li huma għajnuna biex aħna nersqu lejn Alla u lejn ħutna l-bnedmin.

Matul dawn il-laqgħat ilkoll ippruvajna nisimgħu lil Alla fit-talb u nagħrfu s-sinjali li hu joffrilna fil-ħajja tagħna. Ejjew inkomplu nitolbu lill-Ispirtu s-Santu sabiex jurina x'qed jistenna minna Ġesù f'kull għażla li riedu nagħmlu. Aħna u nfittxu l-mumenti tat-talb inkomplu nissaħħu u nagħtu valur lill-qadi fil-familji, fil-Knisja u fis-soċjetà tagħna. Hekk inkunu qed inwieġbu għas-sejħa li qed jagħmlilna l-Mulej sabiex inkunu qaddisin.

L-aħwa, meta Ġesù ħallielna t-talba tal-"Missierna", hu riedna nitolbu lill-Missier biex ikun dejjem dak li jixtieq hu għalina, jagħtina l-ħobża ta' kuljum, jaħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min jagħmlilna d-deni u jeħlisna mill-ħażin. Ejjew inkomplu ngħixu din it-talba b'fidi sabiex flimkien inkomplu nibnu familja parrokkjali mimlija kuraġġ u ħeġġa.

Nistedinkom sabiex flimkien niltaqgħu għall-ħames laqgħa dwar it-Talb nhar **il-Ħadd 8 ta' Lulju 2018 mill-4.30pm sal-5.30pm fis-Sala Sant'Anna**. Dakinhar ser ikollna magħna lill-Arċisqof Emeritus Mons. Pawlu Cremona O.P. li ser jaqsam il-ħsibijiet tiegħu dwar "Il-Knisja, familja ta' min ngħixu it-Talb". Grazzi ħafna u niltaqgħu!

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan